



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.2.2017
COM(2017) 55 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT
EWROPEW**

Rapport ta' evalwazzjoni ex post dwar il-Programm Daphne (2007-2013)

WERREJ

1	INTRODUZZJONI.....	2
1.1	L-GĦAN TAR-RAPPORT.....	2
1.2	IL-METODOLOĠIJA U S-SORS TA' INFORMAZZJONI.....	2
1.3	DESKRIZZJONI TAL-PROGRAMM.....	2
2	RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONI	6
2.1	RILEVANZA TAL-PROGRAMM DAPHNE III.....	6
2.2	KOERENZA U KUMPLIMENTARJETÀ	7
2.3	L-EFFIKAĊJA	9
2.4	SOSTENIBBILTÀ U TRANSFERIBBILTÀ	10
2.5	L-EFFIĊJENZA U LOK GĦAL SIMPLIFIKAZZJONI	11
2.6	IL-VALUR MIŻJUD EWROPEW	14
3	KONKLUŻJONIJIET	18

1 INTRODUZZJONI

1.1 L-GĦAN TAR-RAPPORT

Id-Deċizzjoni li tistabbilixxi l-programm Daphne teħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta evalwazzjoni “*ex post*” li tkopri l-2007-2013¹. L-evalwazzjoni² twettqet minn evalwatur estern indipendenti assistit mill-persunal tal-Kummissjoni.

Dan ir-rapport huwa bbażat fuq dik l-evalwazzjoni. Il-baġit totali ppjanat tal-programm għall-2007-2013 kien ta’ EUR 123,88 miljun. Ir-rapport huwa strutturat skont il-kriterji ewlenin ta’ evalwazzjoni (u l-mistoqsijiet korrispondenti), inklużi r-rilevanza, il-koerenza u l-kumplimentarjetà; l-effikaċja, l-impatt u s-sostenibbiltà; l-effiċjenza u l-lok għal simplifikazzjoni; u valur miżjud Ewropew.

1.2 IL-METODOLOĠIJA U S-SORS TA’ INFORMAZZJONI

Din l-evalwazzjoni finali tal-programm Daphne III hija bbażata fuq dawn li ġejjin:

- eżami estensiv tad-dokumentazzjoni dwar kull waħda mit-302 għotjiet għal azzjoni jew operattivi ffinanzjati mill-programm 2007-2013;
- eżami tad-dokumenti tal-programm, pereż. id-deċizzjoni ta’ finanzjament, il-programmi ta’ ħidma annwali u s-sejħiet għal proposti kemm għall-għotjiet kif ukoll għall-kuntratti tal-akkwist pubbliku;
- eżami ta’ informazzjoni onlajn oħra, pereż. dokumenti ta’ politika tal-UE, siti web u deċiżjonijiet ta’ finanzjament dwar programmi tal-UE relatati;
- analiżi kwantitattiva tat-302 proġetti;
- analiżi tal-145 rispons mill-benefiċjarji tal-għotjiet tad-Daphne III għall-istħarriġ onlajn;
- kitbiet tat-30 intervista ta’ segwitu ma’ koordinaturi tal-proġetti / organizzazzjonijiet reċipjenti tal-għotjiet Daphne III bejn l-2007 u l-2013 li hađu sehem fl-istħarriġ onlajn;
- intervisti ma’ sitt uffiċjali tal-Kummissjoni.

1.3 DESKRIZZJONI TAL-PROGRAMM

Daphne III ġie stabbilit fl-2007 permezz tad-Deċizzjoni Nru 779/2007/KE, fuq il-bażi ta’ tliet strumenti tal-Kummissjoni bl-istess għanijiet: **I-Inizjattiva Daphne** (1997-1999)³; **il-Programm Daphne** (2000-2003)⁴; u **I-Programm Daphne II** (2004-2008)⁵. Huwa ġestit mid-Direttorat Ġenerali (DG) għall-Ġustizzja tal-Kummissjoni Ewropea.

L-Artikolu 2 tad-Deċizzjoni Nru 779/2007/KE jiddeskrivi l-għanijiet ġenerali tiegħu, li huma:

- li jgħin fil-protezzjoni tat-tfal, taż-żgħażaġh u tan-nisa kontra kull forma ta’ vjolenza u li jgħin om jiks bu livell għoli ta’ protezzjoni tas-saħħa, ta’ benessri u ta’ koeżjoni soċjali;

¹ L-Artikolu 15(3)d, Deċizzjoni Nru 779/2007/KE tal- 20 ta’ Ġunju 2007 li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 programm speċifiku sabiex jipprevjeni u jikkumbatti l-vjolenza kontra t-tfal, iż-żgħażaġh u n-nisa u sabiex jipproteġi l-vittmi u l-gruppi li jkunu f’riskju (il-Programm Daphne III) bħala parti mill-Programm Ġenerali dwar “Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja”

² Ir-rapport ta’ evalwazzjoni “*ex post*” tal-evalwatur estern huwa ppubblikat hawnhekk: Ir-rapport ewlieni: http://ec.europa.eu/justice/grants1/files/expost_evaluations_2007_2013/daphne_programme_evaluation_final_report.pdf, Annessi: http://ec.europa.eu/justice/grants1/files/expost_evaluations_2007_2013/daphne_annexes_1_2_4.pdf, u http://ec.europa.eu/justice/grants1/files/expost_evaluations_2007_2013/dap_annex_3_quantitative_analysis.pdf

Ir-rapport ta’ evalwazzjoni ta’ nofs it-terminu tal-Kummissjoni huwa ppubblikat hawnhekk: <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52011DC0254&from=MT>

³ Rapport ta’ evalwazzjoni: <http://ec.europa.eu/smart-regulation/evaluation/search/download.do?sessionId=h594TThJ1ILxvM8Y501gLP7m8nMNv7c1kmY6vX59JJjGDJspS92q!1601440011?documentId=2882>

⁴ Rapport ta’ evalwazzjoni: <http://ec.europa.eu/smart-regulation/evaluation/search/download.do?documentId=1946>

⁵ Ir-rapport ta’ evalwazzjoni ma ġiex ippubblikat.

- li jgħin fl-iżvilupp ta' linji politiċi Komunitarji (fis-saħħa pubblika, id-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn is-sessi), kif ukoll ta' azzjonijiet immirati lejn il-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal u l-għieda kontra t-traffikar tal-bniedem u l-isfruttament sesswali.

L-Artikolu 3 jiddikjara li l-għan speċifiku tal-programm huwa li jgħin fl-ilħuq tal-għanijiet ġenerali billi jappoġġa miżuri preventivi u jingħata appoġġ lill-vittmi u lill-gruppi li jkunu f'riskju. Dan jelenka wkoll l-azzjonijiet transnazzjonali u tipi oħrajn ta' azzjoni sabiex jintlaħaq l-għan speċifiku, jiġifieri:

- l-għoti ta' assistenza u inkoraġġiment lill-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) u organizzazzjonijiet oħrajn li jaħdmu fil-qasam;
- l-iżvilupp jew l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni mmirati;
- id-disseminazzjoni tar-riżultati ta' Daphne u Daphne II, inklużi l-adattament, it-trasferiment u l-użu tagħhom minn benefiċjarji oħrajn jew f'żoni ġeografiċi oħrajn;
- l-identifikazzjoni u t-titjib tat-trattament pożittiv ta' persuni li jkunu f'riskju ta' vjolenza;
- it-twaqqif jew l-appoġġ ta' networks multidixxiplinarji li jinvolvu lill-NGOs u lil organizzazzjonijiet oħrajn attivi f'dan il-qasam;
- l-espansjoni tal-informazzjoni bbażata fuq l-evidenza u tal-bażi tal-għarfien, u l-iskambju, l-identifikazzjoni u l-komunikazzjoni ta' informazzjoni u prattika tajba, permezz ta' riċerka, ta' taħriġ, ta' żjarat ta' studju u ta' skambji ta' persunal, fost mezzi oħrajn;
- it-tfassil, l-ittestjar, is-supplimentar u l-adattament ta' materjali ta' sensibilizzazzjoni u edukattivi;
- l-istudju ta' fenomeni relatati mal-vjolenza u l-impatt tagħhom, kemm fuq il-vittmi kif ukoll fuq is-soċjetà b'mod ġenerali;
- l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' programmi ta' appoġġ għal vittmi u persuni li jkunu f'riskju u programmi ta' intervent għal min iwettaq ir-reat.

Daphne III, bħal programmi oħrajn li jaqgħu taħt il-Programm Ġenerali għad-Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja 2007-2013 tad-DĠ Ġustizzja, jiffinanzja miżuri permezz ta' tliet mekkaniżmi differenti:

- **Għotjiet għal azzjoni:** kofinanzjament (sa 80 % tal-ispejjeż totali) għal proġetti speċifiċi mfassla u implimentati minn organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ u / jew istituzzjonijiet pubbliċi, li jista' jidm għal massimu ta' sentejn.
- **Għotjiet operattivi:** appoġġ finanzjarju (sa 80 %) għall-kostijiet operazzjonali tal-baġit annwali ta' organizzazzjoni.
- **Kuntratti maħruġa għal sejħa għal offerti jew l-akkwist pubbliku:** il-fondi huma disponibbli wkoll għal azzjonijiet speċifiċi li nbdew mill-Kummissjoni (inizjattivi tal-Kummissjoni), pereż. studji dwar il-fattibbiltà, riċerka f'suġġetti speċifiċi, l-organizzazzjoni ta' konferenzi jew il-bini ta' sistemi tal-IT.

It-Tabella 1-1 hawn taħt telenka n-numru ta' għotjiet iffinanzjati għal kull sena tal-perjodu evalwat⁶.

Tabella 1-1 Numru ta' għotjiet iffinanzjati kull sena

	2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013 ⁷	TOTAL
Għotjiet għal azzjoni	41	42	83		60		0	226
Għotjiet operattivi	9	12	7	5	-	6	5	44
Għotjiet għal azzjoni speċifiċi (116 Hotline għat-Tfal Neqsin, Mekkaniżmu ta' Twissija dwar Ittif ta' Minuri)	-	-	-	-	-	-	21	21

⁶ Is-sejħiet għall-proposti għall-għotjiet għal azzjoni tqassmu mill-2009 sal-2010 u mill-2011 sal-2012.

⁷ Mhux meqjusa fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-evalwazzjoni, għaliex ir-rapporti finali ma ġewx sottomessi matul dan il-proċess ta' evalwazzjoni.

	2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013 ⁷	TOTAL
Għotjiet operattivi speċifiċi (116 Hotline għat-Tfal Neqsin)	-	-	-	-	-	14	-	14

Nota: L-ċifri fit-tabella jvarjaw min-numru ta' proġetti analizzati għal din l-evalwazzjoni (302), billi ma kienx hemm dokumentazzjoni għall-proġetti kollha disponibbli (305).

Il-baġit totali allokat għal Daphne III (2007-2013) kien ta' kważi EUR 124 miljun, bil-baġit medju annwali ppjanat li huwa ta' kważi EUR 18-il miljun ⁸ biss. Il-biċċa l-kbira tal-baġit (EUR 97,7 miljun jew ftit aktar minn 79 %) ġiet allokata għal għotjiet għal azzjoni. Rigward kemm l-allokazzjoni inizjali tal-programm ġiet impenjata b'mod effettiv, madwar EUR 60 miljun ġew impenjati għal għotjiet għal azzjoni (f'termini ta' ftehimiet ta' għotja ffirmati), EUR 4,5 miljun għal għotjiet operattivi u EUR 1,2 miljun għal akkwisti bejn l-2010 u l-2013 (ara t-Tabella 1-2 Analiżi baġitarja ppjanata għal Daphne III (2007-2013)).

Tabella 1-2 Tqassim baġitarju ppjanat għal Daphne III (2007-2013)

Il-baġit disponibbli għall-għotjiet u għall-kuntratti								
	Għotjiet għal azzjoni		Għotjiet operattivi		Inizjattivi Kummissjoni	tal-	Baġit annwali totali	
Sena	Valur (EUR)	%	Valur (EUR)	%	Valur (EUR)	%	Valur (EUR)	%
2007	11 000 000	85 %	1 900 000	15 %	1 000 000	8 %	13 000 000	100 %
2008	11 944 160	81 %	2 000 000	14 %	800 000	5 %	14 744 160	100 %
2009	14 417 120	81 %	2 580 000	14 %	800 000	4 %	17 797 120	100 %
2010	15 393 600	83 %	2 500 000	14 %	560 000	3 %	18 453 600	100 %
2011	14 476 000	71 %	2 000 000	10 %	4 000 000	19 %	20 476 000	100 %
2012	14 007 000 ⁹	70 %	4 000 000 ¹⁰	20 %	2 000 000	10 %	20 007 000	100 %
2013	16 504 000 ¹¹	90 %	1 000 000 ¹²	5 %	1 000 000 ¹³	5 %	18 504 000	100 %
Total	97 741 880		15 980 000		10 160 000		123 881 880	

Sors: DAPHNE III - programmi ta' ħidma annwali (2007-2013)

Ħafna mill-proġetti ta' Daphne III kienu mmexxija mill-NGOs nazzjonali (inklużi l-pjattaformi u n-netwerks nazzjonali) (47 %) segwiti mill-universitajiet (18 %) u n-netwerks, il-pjattaformi u l-forums Ewropej (13 %)¹⁴. Dan huwa konsistenti mal-għanijiet speċifiċi tal-programm li jiddikjaraw li dawn l-għanijiet għandhom jintlaħqu billi jiġu assistiti l-NGOs u organizzazzjonijiet oħrajn fil-qasam.

⁸ Id-Deċiżjoni Nru 779/2007/KE tal- 20 ta' Ġunju 2007 li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 programm speċifiku sabiex jipprevjeni u jikkumbatti l-vjolenza kontra t-tfal, iż-żgħażaġh u n-nisa u sabiex jipproteġi l-vittmi u l-gruppi li jkunu f'riskju (il-Programm Daphne III) bħala parti mill-Programm Ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja"

⁹ Din it-tip ta' azzjoni tinkludi għotjiet ta' azzjoni għal proġetti transnazzjonali speċifiċi tal-interess tal-UE (sejħiet għall-proposti) u għotjiet ta' azzjoni skont l-Artikolu 168 tar-Regoli ta' Implimentazzjoni.

¹⁰ Din it-tip ta' azzjoni tinkludi għotjiet operattivi biex jiġi appoġġat il-programm tal-attivitajiet annwali tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi jew ta' entitajiet oħrajn (sejħiet għall-proposti) u għotjiet operattivi biex jiġu appoġġati l-NGOs li għandhom l-obbligu jmessu l-hotline 116 000 għat-tfal neqsin.

¹¹ Din it-tip ta' azzjoni tinkludi għotjiet ta' azzjoni għal proġetti transnazzjonali speċifiċi tal-interess tal-Unjoni (sejħiet għall-proposti), il-Hotline 116 000 (għotjiet ta' azzjoni speċifiċi) u l-Mekkaniżmu ta' Allerta għas-Sekwestru tat-Tfal – għotjiet ta' azzjoni speċifiċi.

¹² Din it-tip ta' azzjoni tinkludi l-għotjiet operattivi biex jiġu appoġġati l-programmi tal-attività annwali tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi jew entitajiet oħrajn (sejħiet għall-proposti).

¹³ Fl-2013, din it-tip ta' azzjoni kienet tikkonsisti mill-akkwist pubbliku biss.

¹⁴ Fuq il-bażi ta' eżami estensiv tad-dokumentazzjoni dwar kull waħda mit-302 għotjiet għal azzjoni u operattivi ffinanzjati mill-programm 2007-2013. Ex post evaluation of five programmes implemented under the 2007-2013 financial perspective. Final Report to DG Justice – Specific programme evaluation: Daphne Programme, ICF, 28 ta' Lulju 2015, p. ii
http://ec.europa.eu/justice/grants1/files/expost_evaluations_2007_2013/daphne_programme_evaluation_final_report.pdf

L-għotjiet għal azzjoni ngħataw lil organizzazzjonijiet li ħadmu flimkien fi sħubija. L-involvement tal-organizzazzjonijiet sħab isegwi struttura simili għal dik tal-organizzazzjonijiet prinċipali osservati. L-aktar sħab komuni (56 % tat-total) huma NGOs nazzjonali, inklużi pjattaformi u networks nazzjonali, filwaqt li l-universitajiet jammontaw għal 15 % tas-sħab kollha. Madankollu, id-distribuzzjoni tal-organizzazzjonijiet sħab tvarja minn dik ta' organizzazzjonijiet prinċipali, b'rappreżentazzjoni ogħla ta' servizzi pubbliċi (4 %) fost l-organizzazzjonijiet sħab milli fost l-organizzazzjonijiet prinċipali (0,33 %)¹⁵. Hawn ukoll, dan isegwi r-rekwiżiti tal-għanijiet speċifiċi tal-Programm, billi suppost għandu jistabbilixxi u jappoġġa n-networks multidixxiplinarji, filwaqt li jsaħħaħ ukoll il-kooperazzjoni bejn l-NGOs u organizzazzjonijiet oħrajn fil-qasam.

Rigward l-akkwist pubbliku, madwar 70 % tal-baġit impenjat mar għal studji jew riċerka (pereżempju l-istħarriġ tal-Ewrobarometru tal-2009 fuq il-perċezzjoni taċ-ċittadini Ewropej dwar il-vjolenza kontra n-nisa, iż-żgħażaġh u t-tfal), inklużi l-evalwazzjonijiet ta' nofs it-terminu u dawk finali tal-programm. Intefqu 27 % oħrajn fuq is-sensibilizzazzjoni, inklużi avvenimenti, u madwar 4 % fuq il-manutenzjoni tas-sit web tad-Daphne III¹⁶.

¹⁵ Fuq il-bażi ta' eżami estensiv tad-dokumentazzjoni dwar kull waħda mit-302 għotjiet għal azzjoni jew operattivi ffinanzjati mill-programm 2007-2013. *Ex post* evaluation of five programmes implemented under the 2007-2013 financial perspective. Daphne quantitative analysis, ICF, 28 ta' Lulju 2015, pp. 24-27

http://ec.europa.eu/justice/grants1/files/expost_evaluations_2007_2013/dap_annex_3_quantitative_analysis.pdf

¹⁶ Ibbażata fuq eżami tal-kuntratti tal-akkwist pubbliku. *Ex post* evaluation of five programmes implemented under the 2007-2013 financial perspective. Final Report to DG Justice – Specific programme evaluation: Daphne Programme, ICF, 28 ta' Lulju 2015, p. 3

http://ec.europa.eu/justice/grants1/files/expost_evaluations_2007_2013/daphne_programme_evaluation_final_report.pdf

2 RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONI

2.1 RILEVANZA TAL-PROGRAMM DAPHNE III

Ir-rilevanza ta' programm tiġi vvalutata f'termini ta' kemm l-azzjonijiet tiegħu jindirizzaw b'mod loġiku l-oġġettivi tiegħu, il-ħtiġijiet tal-politika usa' tal-UE u l-ħtiġijiet tal-udjenzi fil-mira.

2.1.1 Ir-rilevanza tal-miżuri għall-oġġettivi

Il-miżuri implimentati skont il-programm u l-prijoritajiet tal-programm instabu li kienu rilevanti għall-programm u għall-oġġettivi tiegħu. Madankollu, l-analiżi wriet ukoll li l-allinjament tal-oqsma ta' prijorità fuq l-oġġettivi tal-programm kien indikatur batut tar-“rilevanza” (kemm tal-oqsma ta' prijorità kif ukoll tal-proġetti ffinanzjati taħt dawk il-prijoritajiet). Dan għaliex kemm l-oġġettivi tal-programm kif ukoll l-oġġettivi stabbiliti tiegħu kienu ta' xorta ġenerika u mhux marbutin b'mod speċifiku ma' oġġettivi speċifiċi tal-politika tal-UE¹⁷. Dan in-nuqqas ta' mmirar fil-livell tal-programm wassal sabiex isir aktar diffiċli li jintlaħqu riżultati mmirati, u b'hekk rilevanti, f'dan il-qasam tal-politika tal-UE. Tabilħaqq, il-programmazzjoni strateġika tal-prijoritajiet annwali fl-ewwel nofs tal-programm ma kinitx stabbilita b'analiżi tal-politika fit-tul. Minflok, kienet ibbażata fuq analiżi tas-suġġetti diġà koperti mill-proġetti ffinanzjati.

Minkejja dan, il-programm kien iffinanzja diversi inizjattivi li informaw u appoġġaw l-iżvilupp tal-politika u, sa ċertu punt anqas, il-leġislazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni organizzat konsultazzjonijiet interni aktar ġeneriċi fuq il-prijoritajiet tal-politika mill-2011 u xeħet enfasi akbar fuq ir-rilevanza bħala kriterju tal-għażla¹⁸. L-għan kien li jissawru aħjar ir-riżultati tal-programm u li jissaħħa l-impatt tiegħu.

Ir-rapportar mill-benefiċjarji tal-għotjiet jissuġġerixxi li l-benefiċjarji finali rrispondew b'mod pożittiv għall-proġetti, u dan jindika li kkunsidraw il-miżuri bħala rilevanti. Madankollu, dan ma jistax jiġi kkonfermat mingħajr il-ġbir tal-fehmiet tagħhom b'mod indipendenti. Minkejja dan, eżami tal-miżuri ffinanzjati jissuġġerixxi li tfasslu bħala tweġiba għall-ħtiġijiet identifikati tal-benefiċjarji u li kienu żviluppati fuq il-bażi ta' valutazzjonijiet tal-htigijiet¹⁹.

2.1.2 Ir-rilevanza tal-proġetti / tal-programmi ta' ħidma ffinanzjati għall-oġġettivi tal-Programm

Fis-sejħiet kollha għal għotja għal azzjoni u operattivi, ir-rilevanza għall-oġġettivi ġenerali u speċifiċi tal-programm kienet kriterju importanti għall-għażla. Eżami tal-oġġettivi operazzjonali u tal-oqsma ta' attività tat-302 proġetti (minn total ta' 307 proġetti, ara t-Tabella 1-1 Għadd ta' għotjiet iffinanzjati annwalment) u programmi ta' ħidma ffinanzjati permezz ta' Daphne III juri li lkoll tfasslu sabiex jipprevjenu l-vjolenza kontra n-nisa, it-tfal u ż-żgħażaġh jew sabiex jipproteġu lil vittmi u lil nies f'riskju. Għaldaqstant, l-oġġettivi tal-proġett u tal-programm ta' ħidma tagħhom kienu allinjati ma' dawk tal-programm Daphne III²⁰. It-tipi ta' attivitajiet koperti mit-tnejn huma deskritti hawn isfel:

Il-proġetti mfasslin għall-prevenzjoni tal-vjolenza, inklużi dawk li ffokaw fuq:

- l-istudji li jinvestigaw l-għeruq ta' forom partikolari ta' vjolenza;
- is-sensibilizzazzjoni fost il-pubbliku ġenerali, nies li aktarx li jiltaqgħu ma' vittmi jew nies li jinsabu f'riskju li jissaw vittma ta' vjolenza jew li jwettquha;

¹⁷ Ibid., pp. 3-4

¹⁸ Ibid., p. 4

¹⁹ Il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet għandha tinkludi data rilevanti u affidabbli u għandu jkun fiha analiżi robusta li turi biċ-ċar il-bżonn tal-azzjoni. L-applikant jista' jirreferi għal riċerka eżistenti, għal studji u għal proġetti preċedenti li diġà kienu identifikaw il-bżonn. Il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet trid tagħmilha ċara kemm l-azzjoni ser tissodisfa l-bżonn u dan għandu jkun ikkwantifikat. L-applikant għandu jkun speċifiku u jiffoka fuq il-ħtiġijiet proprji li l-proġett ser jipprova jindirizza u mhux jillimita l-analiżi għal dikjarazzjonijiet u informazzjoni ġenerali dwar il-problemi u l-ħtiġijiet tal-grupp fil-mira inġenerali.

L-evidenza miġbura matul eżami estensiv tad-dokumentazzjoni dwar kull waħda mit-302 għotjiet għal azzjoni jew operattivi ffinanzjati mill-programm 2007-2013. *Ex post evaluation of five programmes implemented under the 2007-2013 financial perspective. Final Report to DG Justice – Specific programme evaluation: Daphne Programme*, ICF, 28 ta' Lulju 2015, p. 4

http://ec.europa.eu/justice/grants1/files/expost_evaluations_2007_2013/daphne_programme_evaluation_final_report.pdf

²⁰ Ibid., p. 6

- l-istabbiliment ta' servizzi ta' trattament pozzittiv għal dawk li jwettqu r-reat identifikati;
- l-iżvilupp ta' politiki għall-prevenzjoni tal-vjolenza b'mod aktar effettiv.

Proġetti mfasslin għall-protezzjoni tal-vittmi jew ta' nies f'riskju, inklużi dawk li jiffokaw fuq:

- it-taħriġ għall-professjonisti li jiġu f'kuntatt mal-vittmi;
- l-għoti ta' servizzi ta' appoġġ lill-vittmi;
- l-evalwazzjoni tas-servizzi ta' appoġġ jew tal-azzjoni għall-protezzjoni tan-nisa, taż-żgħażaġh u tat-tfal u / jew id-disseminazzjoni tal-aħjar prattiki.

2.1.3 Ir-rilevanza għall-ħtiġijiet tal-grupp fil-mira

Daphne III rċieva 1921 applikazzjoni b'kollox, jiġifieri 6,36 applikazzjonijiet għal kull għotja mogħtija. Daphne kellu rata ta' applikazzjoni għolja meta mqabbel mal-erba' programmi l-oħrajn tad-DĠ Ġustizzja. Hemm numru ta' raġunijiet possibbli għall-popolarità tiegħu: ma hemm ebda programm ieħor tal-UE li jiffoka fuq il-vjolenza u l-prevenzjoni tagħha (il-benefiċjarji tal-għotjiet intervistati rrapportaw li l-programm Daphne kien “uniku”); il-finanzjament nazzjonali kien naqas minħabba l-kriżi ekonomika; il-programm huwa mmirat lejn gruppi u organizzazzjonijiet ta' interess, li huma aktar imdorrijin jidentifikaw flussi ta' finanzjament u japplikaw għal għotjiet milli, pereżempju, awtoritajiet pubbliċi; u l-oqsma ta' prijorità kienu ġeneriċi biżżejjed sabiex jakkomodaw firxa wiesgħa ta' proġetti eligibbli²¹.

Ħafna minn dawk li wiegħbu onlajn (96 %) qiesu li l-prijoritajiet kienu rilevanti kemm għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-grupp fil-mira kif ukoll għal dawk ta' pajjiżhom. Barra minn hekk, mit-30 benefiċjarju tal-għoti li ġew intervistati għall-evalwazzjoni, kważi kollha ddikjaraw li l-qafas kunċettwali tal-programm (jiġifieri l-għanijiet u l-prijoritajiet tiegħu) ippermettelihom jiżviluppaw il-proġetti tagħhom kif maħsub oriġinalment. Erbgħa biss kienu sabu wħud mis-sejħiet restrittivi, u r-raġuni ewlenija għal dan kienet id-durata u / jew l-ammont tal-għotja, u mhux il-qafas kunċettwali²².

2.2 KOERENZA U KUMPLIMENTARJETÀ

L-Artikolu 11 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 779/2007/KE li tistabbilixxi l-programm Daphne III jiddeskrivi l-ambitu għall-kumplimentarjetà u l-ħolqien ta' sinerġiji mal-istrumenti finanzjarji tal-UE li ġejjin:

- Sigurtà u Salvagwardja tal-Libertajiet (magħmul minn żewġ programmi bl-isem “Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Kriminalità (ISEC)” u Prevenzjoni, Stat ta' Thejjiġa u Maniġġar tal-Konsegwenzi tat-Terroriżmu u riskji oħra relatati mas-Sigurtà” (CIPS));
- “Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni” (magħmul mill-Fond għall-Fruntieri Esterni (FFE), il-Fond Ewropew għar-Ritorn (RF), il-Fond Ewropew għar-Refuġjati (FER) u l-Fond Ewropew għall-Integrazzjoni ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi (EIF));
- is-Seba' Programm Kwadru ta' Riċerka u Żvilupp;
- Programmi dwar il-protezzjoni tas-saħħa, l-impjiegi u s-solidarjetà soċjali — PROGRESS;
- Safer Internet Plus.

Id-Deċiżjoni tipprevedi wkoll li l-kumplimentarjetà se tiġi mfittxija mill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) u l-Programm Statistiku Komunitarju (Eurostat). Ir-raġuni wara dan hija li dawn jista' jkollhom objettivi, pubbliku destinatariju jew benefiċjarji finali, u / jew approċċi li huma simili jew identiċi għal dawk tal-programm Daphne III.

Strumenti oħrajn tal-UE li jistgħu potenzjalment jikkumplementaw jew jirkbu fuq Daphne III jinkludu:

²¹ *Ibid.*, pp. 8-10

²² *Ibid.*

- programmi oħrajn tad-DĠ Ġustizzja, inklużi l-Ġustizzja Kriminali (JPEN), id-Drittijiet Fundamentali u Ċittadinanza (FRC), il-Programm għall-Prevenzjoni u Informazzjoni dwar id-Drogi (DPIP) u l-Ġustizzja Ċivili (JCIV);
- il-Programm Soċjali Ewropew (ESP);
- il-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja (LLP).

Hemm diversi modi possibbli kif jiġi żgurat li Daphne jikkumplementa u jkun konsistenti ma' programmi oħrajn tal-UE²³. L-ewwel nett, l-informazzjoni tinqasam ma' DĠ oħrajn permezz ta' konsultazzjonijiet interservizz u ta' gruppi interservizz. Pereżempju, ġie miftiehem li d-DĠ Affarijiet Interni jkun responsabbli sabiex jiffinanzja proġetti dwar it-traffikar tal-bnedmin u minorenni mhux akkumpanjati. It-tieni, il-persunal minn DĠ differenti jorganizza wkoll laqgħat *ad hoc* mad-DĠ Ġustizzja dwar temi li joffru l-potenzjal għal diskussjoni ta' kwalunkwe kwistjoni relatata mal-kumplimentarjetà u mat-trikkib.

2.2.1 Għanijiet u oqsma tematiċi

L-oġettivi ta' Daphne III, kif definiti mil-leġiżlatur, huma pjuttost ġeneriċi. Fil-prinċipju, dan ifisser li hemm xi trikkib bejn il-programmi tal-UE. Daphne għandu ħafna inkomuni mal-ISEC fir-rigward tal-oġettivi u tal-fokus tematiku, billi t-tnejn ifittxu li jipprevjenu u jiġġieldu l-vjolenza u li jipproteġu lill-vittmi. Madankollu, Daphne huwa aktar iffukat fuq il-vittmi, filwaqt li l-ISEC jiffoka l-aktar fuq l-awturi.

It-Tabella 2-1 tindika l-potenzjal ta' kumplimentarjetà u ta' trikkib tal-għanijiet u tat-temi ta' Daphne ma' programmi ta' finanzjament magħżula tal-UE. L-analiżi ta' hawn fuq u t-tabella ta' hawn taħt jindikaw li, filwaqt li Daphne III pprova ħafna opportunitajiet għall-ħolqien ta' sinerġiji, kien miftuħ ukoll għar-riskju ta' trikkib ma' diversi programmi oħrajn tal-UE - speċjalment il-JPEN u Safer Internet+ - fir-rigward tal-oġettivi u tat-temi. L-istess kien japplika għal Daphne III u għall-FRC. Din il-problema ġiet solvuta fil-perjodu ta' programmazzjoni attwali billi ġew ikkombinati l-għanijiet taż-żewġ programmi fil-Programm ta' Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza għall-2014-2020.

Tabella 2-1 Il-potenzjal ta' kumplimentarjetà u ta' trikkib ta' tipi ta' oqsma tematiċi ta' Daphne III ma' programmi relatati oħrajn tal-UE

Prevenzjoni tal-vjolenza u protezzjoni tal-vittmi ta' vjolenza	Ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u d-drittijiet tan-nisa	Protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal	Ttraffikar tal-bnedmin u sfruttament sesswali	Protezzjoni tas-saħħa fiżika u mentali
Daphne III	Daphne III	Daphne III	Daphne III	Daphne III
	FRC	FRC		
				DPIP
JPEN		JPEN	JPEN	JPEN
	PROGRESS			
	FSE	FSE		FSE
				Azzjoni komunitarja għas-saħħa pubblika
ISEC		ISEC	ISEC	
FER		FER	FER	
Safer Internet +	Safer Internet +	Safer Internet +	Safer Internet +	Safer Internet +
	LLP	LLP		

Din l-evalwazzjoni tikkonkludi li l-oġettivi ġenerali tal-programm jistgħu jibqgħu wesgħin u ġenerali, sabiex il-Kummissjoni tkun tista' twieġeb għat-tibdiliet li jinbidlu fil-prattika, jew fir-riċerka innovattiva jew fil-prattiki. Madankollu, l-oġettivi speċifiċi ta' kull programm jistgħu jiġu fformulati b'tali mod li joħlqu distinzjoni aktar ċara bejnu u bejn oħrajn (pereż. tema, enfasi, approċċ, tip ta')

²³ Ibid., p. 11

organizzazzjoni involuta)²⁴. L-evalwazzjoni sabet ukoll li kien vitali li dawn l-oġġettivi jissarrfu fi prijoritajiet għas-sejħiet għal proposti u fi proġetti li jridu jintgħażlu għall-finanzjament, sabiex jiġi evitat trikkib u jinħolqu sinerġiji.

2.2.2 Il-kumplimentarjetà fil-livell tal-proġetti

Fil-livell tal-proġetti, f'it hemm riskju ta' trikkib bejn il-proġetti ffinanzjati minn Daphne li jindirizzaw l-istess prijoritajiet jew li jinvolvu l-istess tip ta' atturi jew l-istess tip ta' attivitajiet, billi d-DĠ Ġustizzja kien tendenzjalment jagħżel proġetti li jkopru firxa wiesgħa ta' attivitajiet. Proġetti simili (pereż. proġetti edukattivi kontra l-bullying) kellhom tendenza li jkunu implimentati f'pajjiżi differenti, u ma kien hemm ebda trikkib fil-benefiċjarji²⁵. Madankollu, daww li jimplimentaw il-proġetti setgħu għamlu aktar biex jinkorporaw il-lezzjonijiet meħuda minn proġetti preċedenti sabiex itejbu l-potenzjal għall-ħolqien ta' "massa kritika" tal-impatti.

2.3 L-EFFIKAĊJA

L-effettività ta' programm tirreferi għall-punt sa fejn il-programm kiseb b'suċċess l-għanijiet tiegħu, u l-punt sa fejn il-proġetti tad-Daphne kellhom suċċess fil-kisba tal-għanijiet tal-proġetti tagħhom stess.

2.3.1 Il-kisbiet tal-programm

B'mod ġenerali, l-evalwazzjoni sabet li ħafna mill-miżuri implimentati permezz ta' Daphne III kkontribwixxew għall-għanijiet ġenerali tal-programm, għalkemm is-sinifikat tal-kontribuzzjonijiet individwali kien diffiċli li jitkejjel, billi l-għanijiet tal-programm kienu wesgħin hafna²⁶. Ħafna mill-miżuri għenu sabiex titjieb il-protezzjoni għall-vittmi tal-vjolenza jew gruppi li jinsabu f'riskju u numru sinifikanti minnhom ikkontribwixxew għat-tfassil ta' politiki u tal-liġijiet fil-livell tal-UE jew nazzjonali. Kien l-appoġġ ta' Daphne III għal netwerks tal-UE, għar-riċerka u għall-innovazzjoni u l-appoġġ dirett għal vittmi u għal gruppi f'riskju li għamel l-aktar sabiex titjieb il-protezzjoni kontra l-vjolenza. Il-benefiċjarji tal-għotjiet irnexxielhom jinfluwenzaw lil daww li jfasslu l-politika permezz ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni mmirati²⁷.

2.3.2 Kisbiet tal-proġetti

Ir-riċerka, l-istudji u attivitajiet analitiċi oħrajn iffinanzjati minn Daphne III kkontribwixxew għat-tfassil tal-politika u għat-titjib fil-prattika. Tejbu wkoll il-fehim dwar il-fenomeni tal-vjolenza. Total ta' 217-il proġett mit-302 immappjati mill-evalwaturi (72 %) għamlu attivitajiet analitiċi ta' diversi tipi (ara Figura 2-1 Numru ta' għotjiet għal azzjoni u operattivi għal attivitajiet differenti). 203 proġetti oħrajn minn 302 (67 %) wettqu attivitajiet ta' tagħlim reċiproku, inklużi n-netwerks. In-netwerks, li jintegraw il-perspettivi tal-partijiet rilevanti, naturalment għandhom impatt ġeografiku usa', li jista' jagħtihom viżibilità u influwenza akbar ma' daww li jfasslu l-politika. Daphne ffinanzja netwerks li servew bħala punt fokali identifikabbli faċilment għall-udjenzi l-ġodda, u aggregaw il-ħidma tal-membri tagħhom f'post ċentrali wieħed (pereżempju, sit web), u għal darb'oħra wessgħu l-kanal għad-disseminazzjoni²⁸.

Aktar minn kwart tal-proġetti ffinanzjati minn Daphne III (81) ipprovdew l-appoġġ u s-servizzi ta' konsulenza. Is-servizzi ta' appoġġ diretti, pereżempju l-linji għall-għajnuna u s-servizzi ta' konsulenza, iżda wkoll it-taħriġ u l-edukazzjoni tal-vittmi u tal-gruppi f'riskju, sabiex jingħataw għajnuna bil-għan li jipproteġu lilhom infushom aħjar, tejbu direttament il-protezzjoni għal dawn il-gruppi. B'kuntrastr għal dan, l-iżvilupp tal-materjal edukattiv u t-taħriġ tal-prattikanti deħru li kellhom impatt iżgħar u iktar lokalizzat²⁹. Disgħa u erbgħin mit-302 għotjiet li ngħataw appoġġaw atturi

²⁴ *Ibid.*, pp. 14-15

²⁵ *Ibid.*, pp. 15-16

²⁶ *Ibid.*, p. 17


²⁷ *Ibid.*

²⁸ *Ibid.*, pp. 17-18

²⁹ *Ibid.*

ewlenin - primarjament NGOs - li jaħdmu għall-protezzjoni tal-gruppi destinatari ewlenin (it-tfal, iż-żgħażaġh u n-nisa)³⁰.

Figura 2-1 Numru ta' għotjiet għal azzjoni u operattivi għal attivitajiet differenti



Sors: immappjar tad-data tad-dokumentazzjoni tat-302 proġetti ffinanzjati b'għotjiet għal azzjoni u b'għotjiet operattivi u programmi ta' ħidma

2.4 SOSTENIBBILTÀ U TRANSFERIBBILTÀ

Ġie analizzat jekk ir-riżultati, l-eżiti u l-impatt tal-proġetti kinux sostenibbli lil hinn mill-perjodu ta' finanzjament tal-proġett. Ġew identifikati tliet livelli ta' sostenibbiltà:

1. is-sostenibbiltà fil-perjodu qasir, li tinkiseb primarjament bit-tixrid tar-riżultati tal-proġetti;
2. is-sostenibbiltà fuq perjodu medju, li timplika l-kontinwazzjoni tar-riżultati tal-proġetti u / jew sħubijiet;
3. is-sostenibbiltà aktar fit-tul, li tinkiseb primarjament bit-trasferiment ta' riżultati tal-proġetti għal kuntesti, għal organizzazzjonijiet u għal pajjiżi tal-UE oħrajn mingħajr finanzjament addizzjonali (jew b'finanzjament limitat biss)³¹.

2.4.1 Il-kontinwazzjoni tal-attivitajiet tal-proġetti u implimentazzjoni u disseminazzjoni tar-riżultati

B'mod ġenerali, it-tixrid tar-riżultati tal-proġetti mill-Kummissjoni kien limitat, billi fil-parti l-kbira dan kien jiddependi mill-benefiċjarji tagħha sabiex ixerrdu l-outputs b'mod dirett lill-gruppi fil-mira tagħhom, u r-riżorsi umani tagħha stess kienu riżervati l-aktar għall-ġestjoni finanzjarja. Għaldaqstant, anki jekk il-Kummissjoni kellha l-għodda ta' disseminazzjoni tagħha stess (sett ta' għodod ta' Daphne), instabet li ġeneralment kienet inqas effettiva fid-disseminazzjoni tar-riżultati. B'kuntrast għal dan, il-benefiċjarji tal-għotjiet jidher li ppjanaw u kkomunikaw b'mod effettiv ir-riżultati tal-proġetti tagħhom lil daww li jfasslu l-politiki, lill-prattikanti u lil organizzazzjonijiet oħrajn fil-qasam.

Fir-rigward tat-tweqqif ta' attivitajiet tal-proġett, ħafna mill-benefiċjarji tal-għotjiet qalu li għad li kien hemm arranġamenti f'ċerti każijiet għall-użu ssoktat u / jew għad-disponibbiltà tal-outputs (pereż. sit web), kien hemm bżonn ta' finanzjament addizzjonali. L-evidenza dwar is-sostenibbiltà tas-sħubijiet stabbiliti bil-finanzjament mill-programm hija kemxejn kontradittorja; filwaqt li d-dokumenti tal-

³⁰ Ibid., pp. 21-22

³¹ Ibid., p. 27

proġett issuġġerew li f'tit biss minnhom kienu ser ikompli, ħafna minn dawk li wiegħu għall-istħarriġ qalu li s-sħubijiet tagħhom ser ikunu sostenibbli wara l-proġett³².

2.4.2 Il-kontinwazzjoni tas-sħubijiet wara t-tlestija tal-proġett

Mill-216-il proġett li għalihom kien hemm rapporti finali disponibbli, żewġ terzi (154) rrapportaw li l-proġetti ser ikunu sostenibbli tal-anqas sa ċertu punt, jiġifieri li l-attivitajiet u / jew is-sħubijiet tal-proġetti kienu ser ikompli, b'mod sħiħ jew parzjali. F'ħafna minn dawn il-każijiet (105 minn 154), l-attivitajiet tal-proġetti jkomplu tal-anqas sa ċertu punt, filwaqt li s-sħubijiet stabbiliti għall-proġett ikompli f'29 biss mill-154 każ.

Fiż-żmien tal-istħarriġ onlajn, perċentwal ogħla, jiġifieri 68 % (94 minn 139 li rrispondew) iddikjara li s-sħubija stabbilita għall-finijiet tal-proġett tagħhom kienet ser tkompli wara t-tlestija tal-proġett. Din iċ-ċifra ferm differenti tista' tkun minħabba ż-żmien (pereżempju, l-opportunitajiet biex tiġi estiża s-sħubija setgħu ġew identifikati wara l-preżentazzjoni tar-rapport finali) jew minħabba l-kampjunar (jiġifieri l-kampjun li jirrispondi għal stħarriġ onlajn jista' jkun assimetriku).

Eżempji fir-rapporti finali inkludew id-deskrizzjonijiet tal-attivitajiet diġà ppjanati mas-sħab; oħrajn semmew li l-outputs tal-miżuri implimentati kienu ġew inkorporati fit-taħriġ jew fil-kurrikuli edukattivi (14-il miżura). Oħrajn iddikjaraw mill-ġdid li l-outputs (pereż. siti web, rapporti, fuljetti) prodotti bil-finanzjament mill-programm kienu ser ikompli jittqassmu u / jew ikunu disponibbli wara li l-proġett ikun tlesta.

B'mod ġenerali, ma hemm ebda evidenza b'saħħitha li r-riżultati tal-proġetti mhux biss tkomplew, talli fil-fatt kienu sostenibbli ladarba ma baqax disponibbli l-finanzjament tal-proġetti. Total ta' 79 % fost dawk li wiegħu għall-istħarriġ onlajn (113 minn 143) qalu li kien hemm bżonn ta' aktar finanzjament sabiex tiġi ggarantita s-sostenibbiltà tar-riżultati tal-proġett jew tal-attivitajiet³³.

2.4.3 Is-sostenibbiltà u t-trasferibbiltà potenzjali tal-outputs

Id-data mill-istħarriġ onlajn turi li l-maġġoranza tal-outputs setgħet tiġi ttrasferita lil pajjiżi oħra tal-UE. Dan ġie kkonfermat mill-benefiċjarji kollha tal-għotjiet li ġew intervistati. Minn fost 139 minn dawk li wiegħu, 82 % irrappurtaw li l-outputs kollha jew uħud minnhom setgħu jintużaw mingħajr ebda bidla f'aktar minn pajjiż wieħed. Mill-135 li wiegħu, 67 % qalu li l-outputs setgħu jiġu ttrasferiti b'xi tibdil minuri f'aktar minn pajjiż wieħed, filwaqt li 10 % qalu li dan ma kienx possibbli. F'tit mill-benefiċjarji nnutaw li t-trasferibbiltà tal-outputs jew l-approċċi tista' tiġi affettwata b'mod sinifikanti mill-progress li sar minn pajjiżi oħrajn tal-UE f'qasam tal-politika partikolari. Politiki soċjali avvanzati jistgħu jagħmluha eħfef li jiġu ttrasferiti l-metodi innovattivi fejn il-pajjiżi li għadhom lura f'qasam tal-politika partikolari ma setgħux jadottaw approċċ ġdid³⁴.

Fuq il-bażi ta' analiżi tar-rapporti finali u tal-intervisti mal-benefiċjarji tal-għotja, ċerti proġetti nstabu li kienu jinkludu potenzjal ta' trasferibbiltà ogħla fil-fażi ta' tfassil tal-proġett. Pereżempju, fejn saret valutazzjoni tal-ħtiġijiet jew riċerka komparattiva, bħala parti mill-proġett, dwar kif ġiet indirizzata ċerta kwistjoni f'numru ta' pajjiżi tal-UE jew dwar id-differenzi fil-leġiżlazzjoni jew fil-politika, prodott bħal gwida jista' jiġi żviluppat immedjatament u adattat għal diversi kuntesti magħrufin. Dan huwa approċċ aktar effettiv u effiċjenti għall-iżgurar tat-trasferibbiltà milli jiġi adattat prodott eżistenti għal kuntesti differenti. Barra minn hekk, is-sħubija f'network jew li jkun hemm numru ta' sħab barra l-pajjiż jgħinu sabiex titħeġġeġ it-trasferibbiltà.

2.5 L-EFFIĊJENZA U LOK GĦAL SIMPLIFIKAZZJONI

L-evalwazzjoni tal-effiċjenza sabet li l-finanzjament magħmul disponibbli għall-implimentazzjoni tal-programm kien possibbilment insuffiċjenti, meta wieħed iqis il-livell għoli ta' ambizzjoni ta' wħud mill-għanijiet, id-domanda għolja ħafna għall-finanzjament u r-rata ġeneralment għolja ta' assorbiment tal-għotjiet. Barra minn hekk, il-kwistjonijiet indirizzati minn Daphne III huma "popolari" ħafna,

³² Ibid.

³³ Ibid.

³⁴ Ibid.

speċjalment fost dawk il-partijiet ikkonċernati li huma aktar suxxettibbli għal dipendenza fuq finanzjament estern. L-għotjiet ipproduċew outputs li kienu proporzjonati għall-inputs, u rrappreżentaw valur tajjeb għall-flus, fid-dawl tar-rabtiet mill-qrib bejn l-attivitàjiet³⁵.

2.5.1 Baġit ippjanat

L-oġġettivi ġenerali ta' Daphne III kienu qed jgħinu fil-prevenzjoni tal-vjolenza; il-protezzjoni tan-nisa kontra l-vjolenza; il-protezzjoni tat-tfal kontra l-vjolenza; il-protezzjoni taż-żgħażaġh kontra l-vjolenza; u l-inflwenza fuq l-iżvilupp tal-politika komunitarja.

L-ewwel erba' oġġettivi huma ambizzjużi ħafna u ma jistgħux jiġu indirizzati b'mod effettiv b'EUR 124 miljun fuq seba' snin. Din hija r-raġuni għaliex it-test tad-deċiżjoni fundatriċi tispeċifika li l-għan huwa li ssir kontribuzzjoni favur l-indirizzar ta' dawn il-kwistjonijiet. Madankollu, l-iskala ta' dawn il-problemi tal-abbuż u tal-vjolenza, b'mod ġenerali, tirrikjedi ħafna aktar finanzjament. L-aħħar oġġettiv, li jiffoka fuq l-iżvilupp ta' politiki tal-UE li jappoġġaw l-ewwel erba' oġġettivi, huwa aktar realistiku u proporzjonat għall-finanzjament disponibbli.

Il-fatt li l-programm issa laħaq it-tielet sensiela tiegħu u kien qed jikber b'mod kostanti ma' kull perspettiva finanzjarja jista' jindika li d-domanda hija ogħla u li l-finanzjament allokat għall-inizjattivi ta' din ix-xorta huwa inadegwat (jiġifieri fil-parti l-kbira transnazzjonali u / jew ipprovdut fil-livell tal-UE). Min-naħa l-oħra, il-programmi Daphne indirizzaw temi "popolari" ħafna li għalihom seta' kien hemm ammont relattivament żgħir ta' finanzjament fil-livell nazzjonali, iżda b'ħafna partijiet ikkonċernati (pereżempju l-NGOs) dipendenti fuq il-finanzjament estern.

Meta mqabbla mal-allokazzjonijiet inizjali, l-għotjiet għal azzjoni rċewew madwar EUR 7 miljun aktar minn dak inizjalment previst, filwaqt li l-għotjiet operattivi rċewew EUR 7 miljun anqas. Minkejja dan it-trasferiment apparenti, l-għotjiet kellhom domanda għolja ħafna b'mod ġenerali, u seta' jiġi assorbit aktar finanzjament ukoll.

2.5.2 Il-punt sa fejn ir-riżorsi li ntefqu kienu raġonevoli fid-dawl tal-impatt

L-evidenza miġbura matul l-evalwazzjoni tista' ma tkunx biżżejjed sabiex jiġi konkluż li r-riżorsi minfuqin fuq il-programm kienu raġonevoli fid-dawl tal-eżiti u tal-impatt miksub, speċjalment billi anqas minn 30 % biss tal-miżuri ffinanzjati kienu għadhom inkompleti, u billi hemm bżonn li jgħaddi ż-żmien sabiex ċerti eżiti u impatti jimmanifestaw irwieħhom. Madankollu, l-eżiti u l-impatt identifikati jissuġġerixxu li l-infiq kien raġonevoli fid-dawl ta' dak li kisbu l-proġetti³⁶.

Daphne III pprova madwar EUR 109 miljun f'finanzjament għal aktar minn 300 proġett primarjament transnazzjonali, li rrappreżentaw aktar minn 1 000 organizzazzjoni prinċipali u sħab. L-analiżi tal-proġetti li tlestew sa issa turi li hemm evidenza ta' eżiti u ta' effetti għal madwar 81 % mill-għotjiet għal azzjoni (142) u mill-għotjiet operattivi ffinalizzati (40). Kif mistenni, fid-dawl tan-natura tal-għodda ta' finanzjament, 83 % tal-għotjiet għal azzjoni wrew evidenza ta' eżiti u ta' effetti, aktar minn 76 % tal-għotjiet operattivi li għamlu dan. Jista' jkun hemm xi preġudizzju, għaliex dawn l-eżiti u l-impatti huma bbażati fuq l-awtorapportar mill-benefiċjarji tal-għotjiet. Madankollu, hemm bżonn li wieħed jiftakar ukoll li l-eżiti u l-impatti ġenerali jieħdu ż-żmien sabiex jimmanifestaw irwieħhom għal ħafna proġetti, dawn ma kinux għadhom osservabbli meta nkitbu r-rapporti finali³⁷.

³⁵ *Ibid.*, p. 32

³⁶ Fuq il-bażi ta' eżami estensiv tad-dokumentazzjoni dwar kull waħda mit-302 għotjiet għal azzjoni jew operattivi ffinanzjati mill-programm 2007-2013. *Ex post* evaluation of five programmes implemented under the 2007-2013 financial perspective. Final Report to DG Justice – Specific programme evaluation: Daphne Programme, ICF, 28 ta' Lulju 2015, p. 40

http://ec.europa.eu/justice/grants1/files/expost_evaluations_2007_2013/daphne_programme_evaluation_final_report.pdf

³⁷ *Ibid.*

Ġew impenjati EUR 2 miljun biss mill-EUR 10 miljun allokati għall-akkwist. Dan jissuġġerixxi li l-ħtiġijiet kienu stmati b'mod eċċessiv. Madankollu, il-finanzjament allokati għall-akkwist mhux minfuq b'dan il-mod reġa' ġie allokati għal għotjiet skont il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba³⁸.

2.5.3 Lok għal simplifikazzjoni

Saret analiżi tad-dokumentazzjoni meħtieġa mingħand l-applikanti għal għotjiet fl-istadju tal-applikazzjoni fis-sejħa għal proposti ta' Daphne tal-2007, tal-2009-2010 u tal-2013. Fl-2007, il-formola ta' applikazzjoni nqasmet f'żewġ partijiet – (i) parti għall-informazzjoni dwar l-oġettivi, ir-rilevanza, l-outputs konkreti, is-sostenibbiltà u l-valur miżjud tal-UE tal-proġett u (ii) parti dwar l-applikanti u s-sħab. Minbarra l-Formola ta' Applikazzjoni, l-applikanti kienu meħtieġa jimlew numru ta' annessi, inklużi dikjarazzjonijiet tas-sħab, formoli tal-baġit, analiżi tal-kostijiet tal-persunal, formoli tal-entità legali, eċċ. Fil-perjodu tal-2009-2010, il-formola ta' applikazzjoni ġiet immodifikata sabiex tinkludi wkoll deskrizzjoni ddettaljata tal-flussi tax-xogħol tal-proġett, li fiha jiġu stabbiliti l-attivitajiet, ir-riżultati tanġibbli u l-outputs. Għad li r-rekwiżit li tiġi pprovduta deskrizzjoni ddettaljata tal-flussi tax-xogħol u tal-outputs żied il-komplessità u l-ammont ta' xogħol meħtieġ mingħand l-applikanti, aktarx li dan żied ukoll il-kwalità tad-disinn tal-proġetti u tal-ippjanar tal-proġetti.

Fis-sejħa tal-2013, ġiet ipprovduta Gwida waħda għall-Applikanti għal numru ta' programmi (il-ħames programmi kollha tad-DG Ġustizzja, ISEC u PROGRESS) li inkludiet fih ukoll gwida pass pass dwar l-użu tas-sistema PRIAMOS. Il-gwida kkontribwixxiet għas-simplifikazzjoni għall-organizzazzjonijiet li bbenefikaw minn diversi programmi u żiedet l-effiċjenza tal-proċess ta' applikazzjoni kemm għall-applikanti kif ukoll għall-uffiċjali tal-programmi.

Fir-rigward tas-sottomissjoni ta' applikazzjoni, 58 minn 143 (40 %) persuna li wiegħbu rrapportaw li kienu jafu b'organizzazzjonijiet / proġetti / Prattikanti li ma wiegħbux għas-sejħa għal proposti għaliex qisuha komplessa/diffiċli wisq³⁹. Barra minn hekk, numru ta' benefiċjarji ta' għotjiet qiesu li l-proċeduri tal-applikazzjoni kienu komplessi u impenjattivi, b'mod partikolari ż-żewġ sejħa għal proposti passati tqiesu bħala “tekniki wisq” minn dawk li wiegħbu. Dan seta' pprevjona lill-organizzazzjonijiet milli japplikaw għal finanzjament jew illimita l-aċċess għal entitajiet b'livelli għoljin ta' kompetenzi fil-ġestjoni / fl-ippjanar tal-proġetti (iżda mhux bilfors b'għarfien dwar il-kamp / il-qasam ta' politika).

L-assistenza pprovduta mill-Kummissjoni lill-applikanti ġiet ievalutata b'mod pożittiv b'mod ġenerali. Mill-137 tveġiba għall-istħarriġ, kien hemm aktar li qablu ħafna (49) jew qablu parzjalment (37) mad-dikjarazzjoni “Irċevejna appoġġ tajjeb mingħand il-Kummissjoni matul il-proċedura ta' applikazzjoni”. Minkejja dan, 24 % minn fost dawk li wiegħbu ma kinux jafu jew ma esprimewx opinjoni, forsi għaliex qatt ma kienu kkuntattjaw lill-Kummissjoni matul il-fażi ta' applikazzjoni, jew għaliex ma kinux jafu bil-possibbiltà li jirċievu appoġġ mingħand il-Kummissjoni matul din il-fażi.

Kien hemm linji gwida ddettaljati għal Daphne III disponibbli fuq is-sit web tad-DG Ġustizzja u d-data miġbura permezz ta' din l-evalwazzjoni tindika li l-informazzjoni pprovduta lill-applikanti tqieset bħala ċara u faċli biex tinftehem. Mill-144 fost dawk li wiegħbu għall-istħarriġ, ħafna mir-riċevituri tal-għotjiet jew qablu ħafna (50 %, jew 72 minn dawk li wiegħbu) jew qablu b'mod parzjali (36 % jew 52) mad-dikjarazzjoni “l-informazzjoni fis-sejħa għal proposti kienet ċara u faċli biex tifhimha”. Madankollu, it-tveġibiet għall-istħarriġ onlajn indikaw li sabiex iwiegħbu għas-sejħa, ftit aktar minn nofs dawk li wiegħbu (54 minn 104 minn fost dawk li wiegħbu għal din il-mistoqsija) kellhom jitolbu l-għajjuna mingħand persuni b'kompetenzi u b'għarfien speċifiċi dwar il-proċeduri.

Is-sistema informatika PRIAMOS ħadmet sew skont il-maġġoranza ġenerali tal-benefiċjarji ta' għotjiet ikkonsultati bħala parti minn dan l-istudju. Madankollu, ċerti benefiċjarji tal-proġetti rrapportaw li kellhom problemi marbutin mad-dokumenti meħmuża.

Il-proġetti kienu meħtieġa jrrapportaw dwar il-finanzi tagħhom sabiex jiksbu pagament. Għal Daphne III, it-tali rapportar intalab mat-tlestija tal-proġett, sabiex jinkiseb pagament finali⁴⁰. Jista' jiġi osservat

³⁸ *Ibid.*, p. 41

³⁹ Fuq il-bażi tal-fatt li 38 minn fost dawk li wiegħbu “qablu ħafna” u 28 “qablu b'mod parzjali” ma' din id-dikjarazzjoni fl-istħarriġ onlajn.

⁴⁰ Il-Kummissjoni tista' tintroduċi pagament interim meta jkun hemm bżonn, kif speċifikat fil-gwida għall-applikanti.

li n-numru ta' dokumenti meħtieġa għar-rapportar kuntrattwali żdied tul il-perjodu ta' finanzjament. Mill-ewwel sejħa għal AGs (2007) sas-sejħa tal-2009-2010, dikjarazzjoni finanzjarja finali biss kienet meħtieġa li takkumpanja t-talba għal pagament finali. Mis-sejħa tal-2011-2012 'il quddiem intalbu diversi dokumenti li jispjegaw in-nefqa finanzjarja. B'appoġġ ta' dawn ir-rekwiżiti l-ġodda, il-Kummissjoni ħarġet gwida addizzjonali dwar il-ġestjoni finanzjarja u r-rapportar finanzjarju⁴¹. Uħud mir-rekwiżiti l-ġodda, bħas-sottomissjoni ta' skedi ta' żmien⁴², jidhru li jixħtu piż żejjed fuq l-organizzazzjonijiet, li normalment ma jkollhomx sistema ta' reġistrazzjoni tal-ħin fis-seħħ, u fuq l-uffiċjali tal-Kummissjoni, li jkollhom jivverifikawhom.

Ir-rekwiżiti ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni fl-ewwel sejħa għal proposti kienu limitati għal rapport finali, filwaqt li t-talba għal xi forma ta' rapport ta' progress, li b'hekk tippermetti lill-Kummissjoni tissorvelja l-proġett matul l-implimentazzjoni, kienet introdotta mit-tieni sejħa 'l quddiem.

Ir-rapporti ta' progress narrattivi introdotti fit-tieni sejħa kienu qosra ħafna u primarjament staqsew dwar: l-implimentazzjoni tal-proġett sa issa, l-iskeda ta' żmien, it-tibdiliet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-proġett u valutazzjoni ġenerali u d-diffikultajiet affaċċati. Kienet meħtieġa informazzjoni ferm aktar iddettaljata, mill-aħħar sejħa 'l quddiem, għal proġetti li jieħdu 24 xahar jew aktar, li talbu lill-benefiċjarji tal-għotjiet jirrapportaw, għal kull fluss tax-xogħol, dwar l-outputs, ir-riżultati tanġibbli u l-attivitajiet ittardjati jew mhux implimentati.

Il-benefiċjarji tal-għotjiet qiesu l-arranġamenti għall-monitoraġġ min-naħa tal-Kummissjoni bħala parzjalment tajbin u utli waqt l-implimentazzjoni tal-proġett / attivitajiet minn kważi 68 % ta' dawk li wieġbu (89 minn fost 131 persuna li wieġbu). Erbatax fil-mija (19 minn 131) biss ma qablux b'mod parzjali ma' din il-fehma. Tliet persuni intervistati kkonsultati nnutaw li ż-żjarat ta' monitoraġġ tal-proġetti mill-Kummissjoni kienu rari u li wħud mill-proġetti ma żarithomx affattu. Dan tqies bħala opportunità mitlufa fuq iż-żewġ naħat, billi ż-żjarat tqiesu bħala siewja mill-benefiċjarji ta' għajnuniet, billi huma għodda effettiva li jipprovdu lill-Kummissjoni b'fehim tajjeb tal-attivitajiet implimentati u tar-riżultati ġenerali tal-proġett, filwaqt li fl-istess ħin jippermettu lill-proġett juża ż-żjara sabiex ikompli jippromwovi l-attivitajiet tiegħu u lil Daphne b'mod ġenerali. Jista' jiġi argumentat li, għalhekk, il-Kummissjoni tenfasizza wisq fuq in-nefqa tal-proġetti milli fuq il-progress li jsir.

B'mod simili għall-obbligu ta' rapportar ta' progress, kien hemm żieda sinifikanti fil-livell ta' dettall mitlub mingħand il-benefiċjarji ta' għajnuniet. Filwaqt li f'dan ir-rigward is-sejħa tal-2007 talbet biss sempliċi rapport narrattiv finali, din it-talba saret aktar iddettaljata fis-sejħa tal-2009-2010, għal talba għar-rapportar finali skont il-flussi tax-xogħol separati mis-sejħa tal-2011-2012. Karatteristika addizzjonali importanti kienet l-introduzzjoni tal-Anness dwar ir-rapportar kwantitattiv minn din is-sejħa 'l quddiem.

Sabiex jiġu evalwati l-effiċjenza jew il-lok għal simplifikazzjoni, importanti li wieħed iħares lejn il-bilanċ bejn ir-riżorsi meħtieġa għar-rapportar, kemm mill-benefiċjarji ta' għotjiet kif ukoll mill-Kummissjoni f'termini ta' reviżjoni ta' din l-informazzjoni, u l-utilità tar-rapportar sabiex ikunu jistgħu jiġu vvalutati l-prestazzjoni, l-outputs u l-effetti usa' tal-proġett. Filwaqt li ma hemm ebda data disponibbli dwar ir-riżorsi minfuqa mill-Kummissjoni fuq ir-reviżjoni tar-rapporti tal-proġetti, il-maġġoranza tal-benefiċjarji ta' għotjiet mistħarrġa kienu ssodisfati bl-obbligi ta' rapportar u, barra minn hekk, kif esprimew diversi drabi matul l-intervisti ta' segwitu, qiesu li l-monitoraġġ tal-proġett mill-Kummissjoni kien importanti ħafna. F'dan ir-rigward, jidher ukoll proporzjonat mar-rekwiżiti ta' rapportar finanzjarju ddettaljati. Ovvjament, il-kwalità ta' dan ir-rapportar finali pprovdut mill-benefiċjarji ta' għotjiet tiddetermina l-effikaċja u l-utilità finali tiegħu għall-Kummissjoni.

2.6 IL-VALUR MIŻJUD EWROPEW

Il-valur miżjud tal-UE jirreferi għal kemm in-natura Ewropea tal-programm iġġib valur għall-partijiet ikkonċernati tiegħu u kemm l-UE għandha vantaġġ komparattiv fuq l-atturi nazzjonali u internazzjonali li jaħdmu f'dan il-qasam. L-ewwel, ser tiġi diskussa n-natura Ewropea tal-programm u

⁴¹ Il-Gwida dwar il-Ġestjoni għall-proġetti kkofinanzjati minn għotjiet għal azzjoni tal-UE mogħtija fl-2012 skont il-programmi finanzjarji ġestiti mid-DĠ Ġustizzja.

⁴² L-użu ta' dawn huwa spjegat b'mod estensiv fil-Gwida dwar il-Ġestjoni għall-proġetti kkofinanzjati minn għotjiet għal azzjoni tal-UE mogħtija fl-2012 skont il-programmi finanzjarji ġestiti mid-DĠ Ġustizzja.

l-kopertura ġeografika tiegħu. Il-valur miżjud tal-UE mbagħad jiġi analizzat f'termini tal-valur miġjub għall-UE u għall-benefiċjarji. Madankollu, għadu ma kienx possibbli li jiġi identifikat u li jitkejjel il-valur miżjud tal-UE f'termini tal-impatti.

B'mod ġenerali, il-finanzjament permezz tal-programmi ta' finanzjament ġestiti mid-DĠ Ġustizzja u koperti minn din l-evalwazzjoni kien disponibbli biss għal attivitajiet b'dimensjoni Ewropea ċara. Dan ifisser li l-attivitajiet għandhom jissuperaw l-interessi nazzjonali jew lokali sabiex isiru tassew 'Ewropej', jiġifieri b'rilevanza, kopertura u impatt fil-livell tal-UE.

It-tliet karatteristiċi ewlenin ta' Daphne III li jagħtuha "dimensjoni tal-UE" huma:

- **L-għanijiet tal-programm:** L-Artikolu 2 tad-deċiżjoni fundatriċi jistabbilixxi li wieħed mill-għanijiet ġenerali tal-programm hu li jgħin fl-iżvilupp ta' "politiki tal-Komunità [issa l-UE]." Meta mqabbel mal-programmi Daphne preċedenti, Daphne III jiffoka fuq il-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa, it-tfal u ż-żgħażaġh (filwaqt li d-DĠ HOME jiffoka aktar fuq il-ġlieda kontra l-pedofelija u t-traffikar tal-bnedmin). Il-bażi ġuridika tiegħu hija l-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, kif rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
- **It-tema tal-proġetti:** Id-Deċiżjoni fundatriċi stipulat fl-Artikolu 4(b) li l-għotjiet għal azzjoni għandhom jiffinanzjaw il-proġetti ta' "interess tal-Komunità [UE]". Il-programmi ta' ħidma annwali u s-sejthiet għall-proposti sussegwentement kienu jirrikjedu proġetti biex ikopru tema ta' rilevanza għall-UE. Dawn il-programmi ta' ħidma jistabbilixxu l-prijoritajiet annwali - li jinvolvu l-isforzi tal-UE fil-qasam tal-ġlieda kontra l-vjolenza fuq it-tfal, iż-żgħażaġh u n-nisa - u kienu jirrikjedu li l-proġetti jikkumplementaw lil dawn l-isforzi. Is-sejħa għal proposti stipulat li l-proposti jridu juru li ser jipprovdu "valur miżjud fil-livell tal-UE, kuntrarju għal-livell nazzjonali jew reġjonali".
- **In-natura transnazzjonali:** Il-programmi ta' ħidma annwali u s-sejthiet għall-proposti stipulaw ir-rekwiżit għall-benefiċjarji tal-għotjiet għal azzjoni li jiffurmaw sħubijiet transnazzjonali bejn "mill-inqas żewġ organizzazzjonijiet sħab minn tal-inqas żewġ pajjiżi tal-UE." Ir-riċevituri tal-għotjiet operattivi kienu obbligati jkopru tal-anqas 12-il pajjiż mill-UE/EFTA/ŻEE. L-Artikolu 9(6) tad-Deċiżjoni tat-twaqqif jgħid ukoll li wieħed mill-kriterji tal-evalwazzjoni għall-għażla tal-applikazzjonijiet għall-għotjiet operattivi huwa "l-impatt ġeografiku tal-attivitajiet imwettqa". In-natura transnazzjonali tal-programm Daphne III kienet waħda mill-karatteristiċi ewlenin tiegħu u li tiddistingwih mill-programmi l-oħrajn ta' finanzjament tal-UE fil-qasam tal-ġustizzja li ġew implimentati fl-istess żmien (ara t-taqsima 3). Għall-UE, l-għan ta' dawn is-sħubijiet huwa li tiġi mħeġġa l-kondiviżjoni ta' informazzjoni fil-livell tal-UE, il-komunikazzjoni tal-prattiki tajbin madwar l-UE kollha, approċċ ikkoordinat u multidixxiplinarju u skala jew impatt akbar tal-programm. Billi jeħtieġ li s-sħubijiet ikunu transnazzjonali, il-programm jaderixxi wkoll mal-prinċipju tas-sussidjarjetà stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li jeħtieġ li l-Unjoni għandha taġixxi biss jekk u sa fejn ma jistgħux jinkisbu biżżejjed mill-Istati Membri l-oġettivi tal-azzjoni proposta jew inkella jekk dawn jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni.

2.6.1 Il-kopertura ġeografika tal-proġetti

In-numru ta' organizzazzjonijiet prinċipali, u għalhekk in-numru ta' proġetti implimentati, huwa ferm differenti fost il-pajjiżi tal-UE. L-Italja kienet il-pajjiż bl-akbar numru ta' organizzazzjonijiet parteċipanti, segwita mir-Renju Unit u minn Spanja, b'ħafna minn dawn l-organizzazzjonijiet li kienu organizzazzjonijiet sħab. Malta, l-Irlanda u l-Estonja kienu l-pajjiżi bl-anqas rati ta' parteċipazzjoni. Malta ma kellhiex organizzazzjonijiet bi rwol ta' mexxej f'xi proġett, għad li kien hemm organizzazzjonijiet Maltin li hađu sehem bħala sħab.

L-organizzazzjonijiet prinċipali nġabru fi ħdan tliet pajjiżi tal-UE: L-Italja, il-Belġju u r-Renju Unit. B'kollox, 43 % (131) tal-proġetti kollha kienu mmexxija minn wieħed minn dawn it-tlieta. Madankollu, il-proġetti rreġistrati fil-Belġju jinkludu networks u pjattaformi tal-UE, li, għad li mhumx immexxjin minn korpi nazzjonali, ikabbru b'mod artifiċjali s-sehem ta' organizzazzjonijiet


mexxejja bbażati fil-Belġju.

Rigward l-organizzazzjonijiet sħab, il-parteċipazzjoni fost il-pajjiżi tal-UE hija mqassma b'mod aktar regolari; 17-il pajjiż tal-UE fornaw aktar minn 25 organizzazzjoni sieħba. Pajjiżi mhux fl-UE kienu involuti wkoll, inklużi n-Norveġja (b'organizzazzjonijiet mexxejja kif ukoll sħab), it-Turkija, l-Ukrajna, l-Iżlanda, l-Iżvizzera u dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja. (bħala sħab assoċjati – mhux iffinanzjati – biss)⁴³.

L-analiżi turi li l-programm Daphne III ma jkoprix l-Istati Membri kollha b'mod indaqs. Il-kopertura fil-biċċa l-kbira tirrifletti n-numru ta' applikazzjonijiet riċevuti minn pajjiżi differenti. Pereżempju, l-Italja, wieħed mill-pajjiżi li l-aktar li rċieva għotjiet, issottomettiet 537 applikazzjoni għal għotjiet matul il-programm (ara Figura 2-2 Għadd ta' applikazzjonijiet għal kull pajjiż tal-UE). Dan jirrappreżenta 28 % tal-applikazzjonijiet kollha (1921 riċevuti).

B'mod ġenerali, is-sħab prinċipali fl-Italja ma kellhomx rata għolja ħafna ta' suċċess. Ir-rata ta' suċċess tal-Italja kienet ta' 9 % meta mqabbla mal-medja ta' 19 %. Ir-rata ta' suċċess tar-Renju Unit kienet ftit ogħla, 21 % (ġew aċċettati 44 applikazzjoni). Is-schem ta' universitajiet li ppreżentaw applikazzjonijiet li rnexxew kien kemxejn għoli fl-Italja u fir-Renju Unit. L-universitajiet tar-Renju Unit kienu jiffurmaw 39 % (21 minn 54) fost daww kollha li rċewew il-finanzjament taħt Daphne III, filwaqt li l-kontropartijiet Taljani tagħhom ifformaw 20 % (11 minn 54). L-universitajiet setgħu kienu f'pożizzjoni aħjar biex japplikaw għal għotjiet minn korpi oħrajn, billi l-akkademiċi huma mdorrijin jagħmlu applikazzjonijiet bħal dawn⁴⁴. Il-pajjiżi bl-ogħla rati ta' suċċess kienu d-Danimarka (43), il-Belġju (34 %), in-Norveġja (33 %), l-Ungerija u l-Awstrija (31 % fiż-żewġ każijiet). Ir-rata ta' suċċess tal-Ġermanja kienet ta' 24 %⁴⁵.

Figura 2-2 In-numru ta' applikazzjonijiet għal kull pajjiż tal-UE



Rigward l-istrutturi tas-sħubija tat-tliet pajjiżi bl-aktar organizzazzjonijiet prinċipali (l-Italja, ir-Renju Unit u l-Belġju), iċ-ċifri juru li l-organizzazzjonijiet prinċipali dejjem huma aktar probabbli li jidħlu bi sħab ma' organizzazzjonijiet minn pajjiżhom stess milli ma' daww minn pajjiżi oħrajn tal-UE. Pereżempju, l-organizzazzjonijiet prinċipali Taljani ssiehb ma' 38 sieħeb Taljan, 24 sieħeb Spanjol u

⁴³ *Ibid.*, p. 48

⁴⁴ Madankollu, l-NGOs, li kienu l-applikanti ewlenin għall-għotjiet fil-maġġoranza tal-Istati Membri, għandhom ikunu mdorrijin huma wkoll japplikaw għall-finanzjament.

⁴⁵ *Ibid.*, p. 50

15-il sieħeb Bulgaru. L-organizzazzjonijiet prinċipali Belġjani ssieħbu ma' 15-il sieħeb Belġjan, tmien sħab Griegi u sitt sħab Franċiżi. L-organizzazzjonijiet prinċipali tar-Renju Unit issieħbu ma' 27 sieħeb mir-Renju Unit, 11-il sieħeb Bulgaru, 11-il sieħeb Franċiż u 11-il sieħeb Taljan.

Fid-dawl tar-rabta b'saħħitha bejn il-pajjiż tal-organizzazzjoni prinċipali u dak tal-organizzazzjoni sieħba, l-aktar tliet pajjiżi komuni għall-organizzazzjonijiet prinċipali kienu wkoll l-aktar pajjiżi komuni għall-organizzazzjonijiet sħab. Madankollu, il-Portugall u s-Slovenja għandhom l-ogħla proporzjon ta' sħab għal kull organizzazzjoni prinċipali. Fi kliem ieħor, dawn kienu jammontaw għal numru kbir ta' organizzazzjonijiet sħab (35 mill-Portugall u 31 mis-Slovenja) minkejja livelli baxxi ta' organizzazzjonijiet prinċipali (waħda). Kif mistenni, iż-żewġ pajjiżi pparteċipaw fi proġetti mmexxija mill-organizzazzjonijiet mill-pajjiżi prinċipali li kellhom l-aktar organizzazzjonijiet: ir-Renju Unit, l-Italja, il-Belġju u l-Ġermanja.

2.6.2 Il-valur miżjud għall-UE u għall-benefiċjarji tal-ġhotijiet

Il-konsultazzjonijiet mal-benefiċjarji tal-ġhotijiet tal-programm jissuġġerixxu li kien hemm numru ta' karatteristiċi tal-programm li għabu valur miżjud. Dawn jinkludu t-temi koperti u l-“qafas kunċettwali” tal-programm, id-disponibbiltà tal-finanzjament (meta ebda finanzjament ieħor ma kien disponibbli) u l-opportunità ta' sħubija ma' organizzazzjonijiet f'pajjiżi oħrajn. Numru ta' sħab sabu wkoll li billi rċevew finanzjament mill-UE, il-kredibbiltà tal-organizzazzjoni/proġett tagħhom kibret, li għenithom jiksibu appoġġ akbar għall-għanijiet tagħhom. Xi benefiċjarji tal-ġhoti semmew li “l-marka UE” tista' wkoll tixpruna r-reputazzjoni ta' organizzazzjoni. Għal ċerti azzjonijiet iffinanzjati, in-natura tal-UE tal-programm kienet kruċjali għall-isforz tagħhom – dan kien minnu, b'mod partikolari, għall-proġetti li kellhom l-għan li joħlqu u / jew iżommu netwerks tal-UE (pereżempju EuroNet-FGM, il-116-il netwerk ta' organizzazzjonijiet, il-Verein Autonome Österreichische Frauenhäuser) u dawk li jfittxu li jħallu impatt fuq kwistjonijiet fil-livell tal-UE (pereż. id-drittijiet tal-vittmi, tfal neqsin).

Ir-riżultati tal-istħarriġ onlajn jindikaw li l-proġetti żiedu l-valur minħabba li kkontribwixxew għall-ilħuq tal-għanijiet tal-UE. Pereżempju, ħafna minn dawk li wiegħbu għall-istħarriġ irrapportaw li l-proġett u jew l-attivitajiet imwettqa taw kontribut sinifikanti jew kbir għat-tiswir u għat-tixrid tal-aħjar prattiki (86 % mill-144 persuna li wiegħbu); il-ħolqien ta' għodod u soluzzjonijiet prattiċi li jindirizzaw l-isfidi transkonfinali jew fl-UE (75 % tal-140 li rrispondew); it-titjib tal-kooperazzjoni transfruntiera (75 % tal-143 li rrispondew); u l-iżvilupp tal-fiduċja reċiproka fost il-pajjiżi (67 % tal-141 li rrispondew)⁴⁶.

⁴⁶ Ex post evaluation of five programmes implemented under the 2007-2013 financial perspective. Final Report to DG Justice – Specific programme evaluation: Daphne Programme, ICF, 28 ta' Lulju 2015, p. 50
http://ec.europa.eu/justice/grants1/files/expost_evaluations_2007_2013/daphne_programme_evaluation_final_report.pdf.

3 KONKLUŻJONIJIET

Ir-rilevanza tal-programm⁴⁷

- B'mod ġenerali, l-inizjattivi mwettqa skont il-programm Daphne III kienu rilevanti għall-programm u għall-oġġettivi u għall-prijoritajiet tiegħu. Kemm l-oqsma ta' prijorità mal-għanijiet kienu allinjati għall-oġġettivi tal-programm kien indikatur dgħajjef tar-“rilevanza” minħabba li kemm l-għanijiet kif ukoll il-prijoritajiet kienu ta' natura wiesgħa u mhux marbuta b'mod ċar ma' għanijiet ta' politika speċifiċi tal-UE. L-istabbiliment tal-prijoritajiet ma kienx proċess standardizzat. Kien hemm investiment minimu fl-ewwel nofs tal-programm fl-istabbiliment tal-prijoritajiet bħala strateġija għall-influwenzar tal-eżiti tal-programm; madankollu, dan inbidel f'it mhux ħażin fl-istadji aktar avvanzati tal-programm.
- Minkejja dan, il-programm iffinanzja diversi inizjattivi li informaw u appoġġaw l-iżvilupp ta' politiki u ta' leġislazzjoni. B'mod ġenerali, l-inizjattivi jidher li tfasslu sabiex iwiegħbu għall-ħtiġijiet identifikati tal-benefiċjarji u ġew żviluppati fuq il-bażi tal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet.
- Ir-rapportar mill-benefiċjarji tal-għotjiet jissuġġerixxi wkoll li l-benefiċjarji finali rrispondew b'mod pożittiv għall-proġetti, u dan jindika li kkunsidraw l-azzjonijiet bħala rilevanti; madankollu, dan ma jistax jiġi kkonfermat mingħajr il-ġbir tal-fehmiet indipendenti tal-benefiċjarji finali.

Il-koerenza u l-kumplimentarjetà

- Kien hemm lok sostanzjali għall-kumplimentarjetà u għalhekk anke r-riskju ta' trikkib bejn Daphne III u l-programmi tad-DĠ Ġustizzja, Ġustizzja Kriminali (JPEN) u Drittijiet Fundamentali u Ċittadinanza (FRC), kif ukoll - sa punt inqas - mal-programm Safer Internet Plus (DĠ DIGIT). Kien hemm xi trikkib bejn l-oġġettivi tal-programmi, u għalhekk ġie deċiż li Daphne III u FRC jinġabru flimkien għall-perjodu ta' programmazzjoni attwali (2014-2020).
- Għad li hemm xi trikkib bejn Daphne III, FRC u JPEN, l-istadju tal-proċess li jinvolvi sejħiet għal proposti għen sabiex issir distinzjoni bejniethom sa ċertu punt.
- Inħolqu bosta tipi ta' sinerġiji bejn il-proġetti taħt Daphne III u bejn il-proġetti ta' Daphne III u organizzazzjonijiet oħrajn fl-istess qasam, u l-perċezzjoni ta' dawn kienet li jsaħħu l-punti pożittivi ta' xulxin.

L-effikaċja

- L-evidenza miġbura sa issa tissuġġerixxi li b'mod ġenerali, Daphne III kien effettiv fl-ilħuq tal-għanijiet tal-programm. Il-maġġoranza tal-miżuri għenet sabiex tittejjeb il-protezzjoni miżjuda għal vittmi ta' vjolenza jew gruppi f'riskju, direttament jew indirettament. Numru sinifikanti jidher li kkontribwixxa wkoll għat-tfassil ta' politiki u ta' liġijiet fil-livell nazzjonali – u sa ċertu punt fil-livell tal-UE.
- L-ikbar kontribuzzjonijiet għall-protezzjoni mill-vjolenza ġew mill-appoġġ ta' Daphne III għan-netwerks tal-UE, ir-riċerka u l-innovazzjoni u l-appoġġ dirett lill-vittmi jew il-gruppi li jinsabu f'riskju; u l-benefiċjarji tal-għotjiet irnexxielhom jinfluwenzaw lil dawk li jfasslu l-politika permezz ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni mmirati.
- Il-maġġoranza tal-proġetti laħqet l-għanijiet tagħha stess u diġà hemm evidenza tajba dwar riżultati pożittivi, kif ukoll evidenza ta' riżultati pożittivi mhux mistennija.

Is-sostenibbiltà

- Instab li l-Kummissjoni, minkejja li għandha l-għodda ta' disseminazzjoni tagħha stess, għamlet anqas suċċess fid-disseminazzjoni tal-outputs tal-proġetti. Dan kien dovut l-aktar għal nuqqas ta'

⁴⁷ Ibid., pp. 52-54

riżorsi umani u għall-enfasi fuq ir-rapportar finanzjarju u l-produzzjoni ta' outputs tal-proġetti. B'kuntrast għal dan, il-benefiċjarji tal-għotjiet jidher li ppjanaw u kkomunikaw b'mod effettiv ir-riżultati tal-proġetti tagħhom lil dawk li jfasslu l-politiki, lill-prattikanti u lil organizzazzjonijiet oħrajn fil-qasam.

- Il-fatt li ħafna mill-benefiċjarji tal-għotjiet irnexxielhom jilhq u lil dawk li jfasslu d-deċiżjonijiet u lill-prattikanti u / jew ittrasferixxew l-outputs u l-metodi tagħhom lejn pajjiżi oħrajn tal-UE jissuġġerixxi li l-benefiċjarji tal-għotjiet kienu raġonevolment effettivi fit-tixrid tar-riżultati tal-inizjattivi tagħhom.
- Għad li saru arranġamenti f'ċerti każijiet sabiex jitkomplew jużaw l-outputs u sabiex dawn jitqiegħdu għad-dispożizzjoni (pereż. sit web), il-benefiċjarji ta' għotjiet jgħidu li hemm bżonn ta' aktar finanzjament sabiex ikunu jistgħu jkomplu bl-attivitajiet tal-proġetti. Min-naħa l-oħra, sehem sinifikanti mill-attivitajiet żviluppati skont il-programm ma kienx ikun żviluppat li kieku ma kienx jeżisti l-programm, billi l-programm stess ħoloq domanda għal attivitajiet ġodda.

L-effiċjenza

- Id-domanda għal finanzjament minn Daphne III kienet għolja, primarjament minħabba n-natura tal-programm u t-tip ta' benefiċjarji eliġibbli għall-għoti.
- Il-finanzjament magħmul disponibbli kien suffiċjenti għall-benefiċjarji biex jilhq l-għanijiet tagħhom. Madankollu, il-ħtiġijiet tal-akkwist bħala għodda ta' finanzjament kienu stmati b'mod eċċessiv.
- Fir-rigward tal-lok għal simplifikazzjoni, il-livell ta' dettall meħtieġ fil-formola ta' applikazzjoni żdied mis-sejħa tal-2010 'il quddiem u inkluda l-introduzzjoni ta' flussi tax-xogħol. Dan ibbenefika kemm lill-Kummissjoni kif ukoll lill-applikanti. L-obbligi ta' rapportar kienu kkunsidrati bħala xierqa mill-maġġoranza kbira ta' dawk li wiegħbu. L-arranġamenti għall-monitoraġġ min-naħa tal-Kummissjoni kienu meqjusa tal-anqas parzjalment bħala tajbin u utli waqt l-implimentazzjoni tal-proġett / attivitajiet. L-obbligi ta' rapportar jirriflettu approċċ aktar ibbilanċjat bejn il-ġustifikazzjoni finanzjarja fuq naħa u l-evalwazzjoni tal-outputs fuq in-naħa l-oħra. L-evalwazzjoni tal-impatti (potenzjali) tal-proġetti hija limitata.

Il-valur miżjud tal-UE

- Il-fatt li l-programm twettaq taħt l-awspiċċi tal-UE ġab valur miżjud għal ħafna mill-benefiċjarji ta' għotjiet. Ħafna minnhom sabu li s-sħubijiet transnazzjonali meħtieġa taħt il-programm ippermettewlhom jitgħallmu minn pajjiżi oħrajn. Għal ħafna oħrajn, l-opportunità li jikkomunikaw l-outputs u r-riżultati tal-proġett tagħhom fil-livell tal-UE wkoll kien vantaġġ reali.
- Il-“marka” UE tat aktar *momentum* lil ċerti proġetti u influwenza akbar ma' dawk li jfasslu l-politiki u ma' partijiet ikkonċernati ewlenin oħrajn.
- Għan-networks, bħala EuroNet-FGM u Missing Children Europe, aktarx li programm tal-UE biss kien jippermettilhom jilhq l-għanijiet tagħhom. Għall-benefiċjarji tal-għotjiet kien importanti ħafna wkoll il-fatt li l-programm kien joffri finanzjament għal proġetti li jiffukaw fuq id-drittijiet tal-bniedem jew fuq ix-xjenza soċjali fi żmien meta ftit finanzjament kien disponibbli, partikolarment fil-livell tal-UE.
- Madankollu, il-kopertura ġeografika tal-proġett kienet pjuttost limitata, fejn l-organizzazzjonijiet prinċipali ewlenin kienu jinsabu fir-Renju Unit, fil-Italja, fil-Ġermanja u fil-Belġju. Barra minn hekk, għadu ma kienx possibbli li jiġi identifikat u li jitkejjel il-valur miżjud tal-UE f'termini tal-impatti.

Ir-rakkomandazzjonijiet ewlenin

- Definizzjoni aħjar tal-prijoritajiet; il-Kummissjoni għandha tinvesti aktar żmien u riżorsi umani fl-istabbiliment tal-prijoritajiet, sabiex tiżgura li dawn jgħinu lill-programm jilħaq l-għanijiet speċifiċi li huma rilevanti għall-għanijiet ġenerali tal-programmi, u għall-oġettivi ta' politika usa' tad-DĠ Ġustizzja.
- L-appoġġ tal-kisba ta' oġettivi aktar fit-tul, u għall-influenzar ta' dawk li jfasslu l-politiki u tal-udjenzi fil-mira; il-Kummissjoni għandha tuża l-baġit disponibbli għall-attivitajiet tal-akkwist sabiex tgħaqqad ir-riżultati u l-outputs tal-programm Daphne III fuq is-sit web tagħha u / jew tikkunsidra l-pubblikazzjoni tal-bażijiet ta' data eżistenti tar-riżultati b'mod aktar effettiv.
- Valutazzjonijiet realistiċi tar-riskji tal-proġetti u strateġiji aħjar għall-mitigazzjoni tar-riskji: il-Kummissjoni għandha tissorvelja aħjar ir-riskji matul id-durata tal-proġett, pereżempju billi titlob rapporti fil-qosor dwar il-progress li jidentifikaw kwalunkwe riskju hekk kif jinħoloq matul l-implimentazzjoni tal-proġett.
- Żieda tal-enfasi fuq il-valutazzjoni tal-impatti fil-livelli kollha u mhux fuq l-outputs biss, fir-rigward tal-monitoraġġ u tal-evalwazzjoni. Din tmur id f'id mal-bżonn li tinġabar, tiġi analizzata u tintuża evidenza oġġettiva u indipendenti sabiex jitwettqu evalwazzjonijiet tal-proġetti u tal-programmi.
- Esplorazzjoni ta' modi ta' kif jista' jittejjeb l-użu tal-outputs, tar-riżultati u tal-aħjar prattiki tal-proġetti minn organizzazzjonijiet oħra, inkluż fi Stati Membri oħrajn, inklużi aktar riżorsi għat-traduzzjonijiet, għall-komunikazzjoni u għat-tixrid.
- Irfinar tal-loġika dwar l-interventi tal-programm; rigward il-kamp ta' applikazzjoni tal-programm u l-prijoritajiet u l-oġettivi ġenerali u speċifiċi, it-tipi ta' azzjoni u t-tipi ta' intervent u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu, il-Kummissjoni għandha ttipprova tinfirsa l-loġika dwar l-interventi⁴⁸, u tagħmel ir-relazzjonijiet bejn il-ħsieb, l-oġettivi, il-kontributi, l-outputs, il-benefiċjarji, l-eżiti mistennijin u l-impatti artikolati, preċiżi u konkreti fi kwalunkwe kontinwazzjoni fil-ġejjieni tal-programm.

⁴⁸ Ara pereżempju l-Ex post evaluation of five programmes implemented under the 2007-2013 financial perspective. Final Report to DG Justice – Specific programme evaluation: Daphne Programme, ICF, 28 ta' Lulju 2015, pp. 1-2
http://ec.europa.eu/justice/grants1/files/expost_evaluations_2007_2013/daphne_programme_evaluation_final_report.pdf.